MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 135/1999/1

**Maria Galea mart Carmelo**

**-vs-**

**Angelo Mizzi, Salvu Mizzi, Paolo Mizzi, Margaret Mizzi xebba f'isimha u bhala kuratrici ta' huha Carmelo Mizzi interdett u b'digriet tat-30 ta' Lulju 2003 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Angelo Mizzi, Salvu Mizzi, Paolo Mizzi, Margaret Mizzi, Grace mart Gio Maria Sciberras u Joseph Mizzi stante l-mewt ta' Carmelo Mizzi, Grace mart Gio Maria Sciberras, Joseph Mizzi**

Il-Qorti;

Rat li c-citazzjoni attrici taqra hekk:

Peress illi fil-wiehed u tletin (31) ta′ Mejju elf disa′ mija u sitta u disghin (1996), mietet fil-Qala, Ghawdex, Giuseppa armla ta′ Francesco Mizzi, omm l-attrici u l-konvenuti l-ohra – certifikat tal-mewt anness u markat A;

Peress illi d-*decujus* irregolat is-successjoni taghha permezz ta′ testment li sar fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani tal-erbgha u ghoxrin (24) ta′ Novembru elf disa′ mija u erba′ u disghin (1994) – anness u markat B – li permezz tieghu nnominat u stitwiet bhala eredi universali tal-beni taghha kollha lit-tmien uliedha u cioe′ lill-attrici Maria Galea u lill-konvenuti l-ohra Margherita, xebba, Pawlu, Carmelo, Salvu, Grazzja mart Gio Maria Sciberras, Joseph u Angelo ilkoll ahwa Mizzi;

Peress illi d-*decujus* kienet tippossjedi diversi bicciet ta′ raba′ u proprjeta′ ohra mmobiljari kif jirrizulta mill-annessa kopja tal-kuntratt ta′ trasferiment *causa mortis* li sar fl-atti tan-Nutar Mariosa Grech tad-disgha u ghoxrin (29) ta′ Novembru elf disa′ mija u sitta u disghin (1996) – anness u markat C;

Peress ukoll li fit-testment taghha precitat, it-testatrici halliet b′titolu ta′ prelegat favur tlieta minn uliedha u cioe′ l-konvenuti Margherita, xebba, Pawlu, u Carmelo, ahwa Mizzi, b′mod kumulattiv bejniethom, il-lok ta′ djar tal-abitazzjoni tat-testatrici u tal-mejjet zewgha Francesco, bin-numru mija u hdax (111) bil-garage anness fi Triq l-Imgarr, Qala, Ghawdex, bil-mandra retrostanti konsistenti f′zewgt ihbula u bl-oggetti mobbli kollha fih kontenuti, liema lok ta′ djar bil-garage huwa mibni fuq art li kienet proprjeta′ parafernali tal-mejjet zewgha, u t-testatrici ddikjarat fit-testment taghha li ghalkemm hija taf li l-art kienet proprjeta′ tal-mejjet zewgha, xorta wahda trid illi l-prelegat imholli minnha jigi konsegwit fl-interezza tieghu mill-prelegatarji msemmija;

Peress illi missier l-attrici u l-konvenuti miet intestat u wirtuh *ex lege* il-partijiet kollha f'sehem indaqs bejniethom;

Peress illi a rigward tal-beni li kien jipposjedi zewgha Francesco kemm dawk l-assi partikolari kif ukoll dawk l-assi li kienu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti gia' ezistenti bejniethom, gia' kienet giet istitwita kawza ohra ghad-divizjoni tal-beni appartenenti lilu, liema kawza fl-ismijiet Maria Galea vs Angelo Mizzi et noe [Citaz numru 37/93] ghadha pendenti quddiem din il-Qorti;

Peress illi l-attrici bhala eredi ta' missierha ghandha sehem indiviz mill-art ta' taht il-lok ta' djar numru 111, Triq l-Imgarr, Qala u mill-mandra retrostanti, kif ukoll sehem mill-bini li sar mill-genituri taghha *durante conjugo;*

Peress illi l-attrici trid li jigi likwidat u diviz il-wirt kollu ta' ommha Giuseppa Mizzi u li jigi assenjat lilha s-sehem taghha mholli lilha mill-eredita' gjacenti kif ukoll li jigi likwidat u mhallas lilha l-valur gust tas-sehem taghha mill-proprjeta' prelegata minn ommha a favur tal-konvenuti Margherita, xebba, Pawlu u Carmelo ahwa Mizzi;

Peress illi minkejja li l-konvenuti kienu gew interpellati b'ittra ufficjali tas-17 ta' Gunju 1998, sabiex huma jersqu ghal-likwidazzjoni u divizjoni tal-assi ta' ommhom Giuseppa Mizzi, huma baqghu nadempjenti;

L-attrici talbet ghalhekk lil din il-Qorti:

1. tiffissa u tistabilixxi dawk l-assi mobbli u mmobbli formanti l-eredita' tal-mejta Giuseppa Mizzi, liema assi jigi dikjarat li jikkonsistu f'dawk l-assi partikolari tad-decujus kif ukoll f'dawk l-assi li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti gia' ezistenti bejn il-mejta Giuseppa Mizzi u zewgha Francesco;

2. tahtar perit arkitett sabiex jaghmel deskrizzjoni u stima tal-assi kollha in divizjoni kif ukoll sabiex ihejji pjan ta'qasma b'mod li kull parti tiehu sehem indaqs;

3. tordna d-divizjoni ta' l-assi hekk likwidati fil-kwoti ta' ottava parti lil kull wiehed u wahda mill-partijiet;

4. f'kaz li d-divizjoni tal-assi tirrizulta kommodament divizibbli bejn il-partijiet, tordna l-pubblikazzjoni tal-att ta' divizjoni opportun u ghal dan il-fini tahtar Nutar Pubbliku Malti sabiex ippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin, u lok li jigu ffissati minn din il-Qorti, bl-intervent tal-kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess art;

5. f'kaz li l-assi jirrizultaw li mhumiex kommodament divizibbli, tordna l-bejgh taghhom in licitazzjoni, bl-intervent tal-obblaturi estranei sabiex ir-rikavat minn dawn l-assi jigi diviz bejn il-kontendenti skont il-kwoti lilhom spettanti kif stabbilit hawn fuq;

6. tillikwida l-valur gust tas-sehem tal-attrici mill-fond numru 111, Triq L-Imgarr, Qala, li gie mholli bi prelegat mill-mejta Giuseppa Mizzi favur it-tliet konvenuti Margherita, xebba, Pawlu u Carmelo ahwa Mizzi;

7. konsegwentement tordna li jsir il-hlas lill-attrici tal-valur gust hekk likwidat.

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Gunju 1998, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti kollha ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa jinsabu mharrkin.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti:

(i) Illi huma ma jopponux ruhhom ghad-divizjoni kif mitluba, purche' li fl-ewwel lok jigu rispettati d-disposizzjonijiet testamentarji kollha

tad-*decujus* anki fir-rigward l-legati ta' hwejjeg haddiehor imhollija mit-testatrici u fit-tieni lok li qabel ma ssir id-divizjoni tal-assi ereditarji tad- *decujus,* Giuseppa Mizzi, il-konvenuta Margaret Mizzi tigi kkumpensata tad-diversi servigi, kuri u assistenzi li hija rrendiet lill-mejta ommha, Giuseppa Mizzi matul dawn l-ahhar diversi snin.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-istess konvenuti:

(1) Illi huma ma jopponux ruhhom ghad-divizjoni kif mitluba, purche' li fl-ewwel lok jigu rispettati d-disposizzjonijiet testamentarji kollha tad-*decujus* anki fir-rigward l-legati ta' hwejjeg haddiehor imhollija mit-testatrici u fit-tieni lok li qabel ma ssir id-divizjoni tal-assi ereditarji tad- *decujus,* Giuseppa Mizzi, il-konvenuta Margaret Mizzi tigi kkumpensata tad-diversi servigi, kuri u assistenzi li hija rrendiet lill-mejta ommha, Giuseppa Mizzi matul dawn l-ahhar diversi snin.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Kunsiderazzjonijiet

Illi din il-kawza titratta l-likwidazzjoni u divizjoni tal-wirt ta' Giuseppa Mizzi li mietet fil-31 ta' Mejju 1996 testata.

Giuseppa Mizzi kienet mizzewga lil Francesco Mizzi li miet fl-1975. Huma kellhom tmint itfal: Maria (l-attrici) u l-konvenuti l-ohra ossija Angelo, Salvu, Pawlu, Joseph, Carmelo, Margerita u Grazzja. Carmelo miet fid-9 ta' Lulju 2003 intestat u ghalhekk il-wirt tieghu ghadda favur hutu.

Illi jirrizulta mill-atti li l-partijiet kollha qablu li sabiex jigu evitati spejjez kif ukoll ghall-ispeditezza tal-gudizzju minhabba li miet Carmelo Mizzi

intestat u minghajr tfal jizdiedu t-talbiet fis-sens li sehem Carmelo Mizzi jigi wkoll likwidat u jitrangaw il-kwoti peress li skont il-ligi wirtuh kemm l-attrici kif ukoll il-konvenuti fi kwoti ugwali bejniethom.

Illi Giuseppa Mizzi mietet testata. Infatti hija rregolat is-successjoni taghha permezz ta' testment datat 24 ta' Novembru 1994 li permezz tieghu fit-tieni artikolu halliet *b'titolu ta' prelegat barra minn sehemhom a favur ta' uliedha Margherita, xebba, Pawlu u Carmelo ahwa Mizzi, b'mod kumulattiv bejniethom, il-lok ta' djar tal-abitazzjoni tat-testatrici u tal-mejjet zewgha Francesco, fin-numru mija u hdax (111) bil-garage anness fi Triq l-Imgarr, Qala, Ghawdex, bil-mandra restrostanti konsistenti f'zewgt ihbula u bl-oggetti mobbli kollha fih kontenti a limine intus inkluzi flus in moneta kontanti, oggetti tad-deheb, fidda u hagar prezzjuz u flus in moneta kontanti u eskluzi biss kotba tal-bank u titoli li jirrappresentaw flus. Bl-obbligu fil-prelegatarja Margherita xebba Mizzi, li tiehu hsieb lil hutha Pawlu u Carmelo, ahwa Mizzi, u tirrendilhom is-servigi, kuri u assistenzi kollha li jkollhom bzonn. Il-prelegatarji imsemmija jkunu obbligati li jippermettu li jghixu maghhom lil dawk minn huthom li jkunu ghadhom mhux mizzewga fid-data ta' mewtha u sakemm jibqghu fl-imsemmi stat ta' celibat.*

*It-testatrici tiddikjara li hija taf li l-art ta' taht il-fond imsemi hija proprjeta' parafernali tal-mejjet zewgha, izda xorta wahda trid illi dana l-prelegat jigi konsegwit fl-interezza tieghu mill-prelegatarji imsemmija.*

Permezz tat-tielet artikolu tal-imsemmi testment it-testatrici nnominat u sstitwit bhala eredi universali tal-beni taghha kollha mobbli, prezenti u futuri lit-tmien uliedha fi kwoti ugwali u ndivizi bejniethom u bid-dritt tas-sostituzzjoni volgari tar-rispettivi wliedhom f'kaz ta' premorienza ghat-testatrici u bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom fin-nuqqas.

1) **Legato di cosa altrui**

Illi l-ewwel kwistjoni li jehtieg li tigi trattata f'din is-sentenza hija proprju l-prelegat li thalla lil Margherita, Pawlu u Carmelo ahwa Mizzi, b'mod kumulattiv bejniethom konsistenti fil-lok ta' djar tal-abitazzjoni tat-testatrici u tal-mejjet zewgha Francesco, fin-numru mija u hdax (111) bil-garage anness fi Triq l-Imgarr, Qala, Ghawdex, bil-mandra restrostanti konsistenti f'zewgt ihbula u bl-oggetti mobbli kollha fih kontenenti *a limine intus* inkluzi flus in moneta kontanti, oggetti tad-deheb, fidda u hagar prezzjuz u flus in moneta kontanti u eskluzi biss

kotba tal-bank u titoli li jirrapprezentaw flus. It-testatrici riedet li dan il-prelegat jigi percepit barra minn sehemhom.

Ghalhekk ghandna legat ta' haga ta' haddiehor liema materja hija regolata bl-artikolu 696 tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jiddisponi hekk:

*"(1) Il-legat tal-haga ta' haddiehor ma jiswiex, hlief jekk ikun hemm iddikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf li l-haga kienet ta' haddiehor u mhux tieghu; f'dan il-kaz il-werriet jista' jaghzel jew li jakkwista l-haga mhollija b'legat sabiex ighaddiha lil-legatarju, jew li jhallas lil-legatarju l-valur gust taghha.*

*(2) Izda, jekk il-haga hekk imhollija b'legat, ghalkemm tkun ta' haddiehor fi zmien it-testment, tkun saret proprjetà tat-testatur fi zmien il-mewt tieghu, il-legat ta' dik il-haga huwa validu".*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Polly Demanuele et vs Victor Grech et**[1] saret referenza ghas-segwenti:

*"Fil-kawza fl-ismijiet "Paolo Zammit vs Rosa Zammit" (28 ta Gunju 1957) il-Qorti tal-Appell Civili elenkat il-principji dottrinali li huma l-bazi tal-artikolu in kwestjoni. F'din is-sentenza ntqal li "skont il-ligi taghna, hija kondizzjoni essenzjali ghall-validita tal-legat ta' haga ta' haddiehor id-dikjarazzjoni mit-testatur innifsu fit-testment tal-appartenenza tal-haga lil haddiehor.*

*"Mhux rikjesta ebda klawsola jew formola specjali u hu wkoll indifferenti jekk it-testatur jiehu zball fl-identita' tal-proprjetarju; pero' huwa mehtieg li jkun hemm dejjem din id-dikjarazzjoni." Inoltre l-Qorti tal-Appell Civili, fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet "Carmelo Borg pro et noe vs Doris armla ta' Carmelo Borg" tad-9 ta' Maru 1994, irriteniet li in vista tal-artikolu 698, il-legat ta' haga ta' haddiehor ma jiswiex hlief jekk ikun hemm dikjarat fit-testment li t-testatur kien jaf li l-haga kienet ta' haddiehor u mhux tieghu. Il-Qorti rreteniet ukoll illi meta l-oggett tal-legat kien biss in parti proprjeta' ta' terzi, bhalma huwa l-kaz odjern, il-legat jista' jkun validu biss fir-rigward ta' dik il-parti mill-oggett li jkun proprjeta' tat-testatur".*

[1] Cit Nru: 1943/2000GC deciza fis-17 ta' Mejju, 2013

Fil-kaz odjern it-testatrici ddikjarat b'mod car li kienet taf li l-legat li halliet in parti kien jappartjeni lill-assi tal-mejjet zewgha. Ghalhekk bhala legat ta' haga ta' haddiehor jiswa'.

Illi l-attrici ressqet 'il quddiem diversi argumenti sabiex issostni li fil-fatt dan il-prelegat ma jiswiex u ghalkemm iddikjarat li ma kellhix oggezzjoni li s-sehem ta' Carmelo Mizzi (li miet fil-mori) mid-dar numru 111, Triq l-Imgarr, il-Qala jigi assenjat lil Margerita u Pawlu bhala sehemhom mill-wirt tieghu hija tippretendi li l-valur tal-istess jittiehed in kunsiderazzjoni meta jsiru l-aggustamenti ghall-ekwiparazzjoni li talvolta setghet tkun dovuta jew tiehu proprjeta' ohra mill-istess wirt. Fl-ewwel lok, l-attrici tghid li provi hlief id-dikjarazzjoni causa mortis u t-testment ma tressqux. Hawnhekk jinghad li ladarba gie prezentat it-testment din hija prova sufficjenti inkwantu ghal-legat li thalla. L-attrici targumenta wkoll li ladarba ghadha ma ntalbitx formalment l-immissjoni fil-pussess ta' dan il-prelegat kwindi l-Qorti ma tistax tezamina din il-kwistjoni. Illi huwa minnu li formalment ma ntalbitx l-immissjoni fil-pussess ta' dan il-prelegat. Biss pero' l-konvenuti fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom jaghmlu referenza ghall-istess prelegat meta eccepew li huma ma jopponux ruhhom ghad-divizjoni kif mitluba, purche' li fl-ewwel lok jigu rispettati d-disposizzjonijiet testamentarji kollha tad-*decujus* anki fir-rigward l-legati ta' hwejjeg haddiehor imhollija mit-testatrici. Verament din mhix talba formali pero' m'hemmx dubju li dan il-legat ma jistax jigi njorat. Hekk kif gie sottolineat tajjeb fit-trattazzjoni min-naha tad-difensur tal-konvenuti ma jridx jintesa li l-attrici accettat il-wirt ta' l-omm bla ebda rizervi. Ladarba l-attrici accettat dan il-wirt issa ma tistax tispezzetta l-istess wirt billi fejn jaqblilha taccettah u fejn ma jaqblilhiex iggib 'il quddiem argumenti li fil-fehma tal-Qorti qeghdin jingiebu biss frott ta' pika zejda. D'altronde anki bid-dikjarazzjoni ta' l-istess attrici li saret in atti jemergi ben car li l-prelegatarji jghixu f'din id-dar ta' abitazzjoni ghaliex kienet proprju d-dar ta' abitazzjoni tal-gerituri u li l-pussess ta' l-istess abitazzjoni u ta' dak kollu li kien hemm go fiha dejjem baqa' f'idejn l-istess prelegatarji.

Referenza ssir ghal dak li qalet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Baldacchino noe vs Mifsud noe**, deciza fid-29 ta' Ottubru, 1999, il-proprjeta' libera tal-legat tappartjeni lil-legatarju sa mill-gurnata tal-mewt tat-testatur, tant illi l-istess legatarju huwa paragunat bhala *"kreditur"* tal-wirt. Bhala *"kreditur"*, l-oggett ma jkunx f'idejh qabel ma

jinghata pussess tal-oggett tal-kreditu, u kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza **Borg vs Vella et**, deciza fit-3 ta' Marzu, 1995, l-immissjoni fil-pussess tal-legat hija *"c-cavetta"* ta' l-istitut kollu. L-immissjoni fil-pussess tista' tinghata jew espressament jew tacitament, u jinghad li hemm immissjoni fil-pussess tacita, meta l-legatarju jiehu pussess materjali ta' l-oggett u l-eredi ma jaghmilx oppozizzjoni. F'dan il-kaz, filwaqt li Margherita u Pawlu ma nghatawx il-pussess formali tal-legat, huma ghandhom il-pussess materjali tal-oggett formanti parti tal-legat.

**2) Assi formanti l-wirt ta' Guzeppa Mizzi**

Illi l-proprjetajiet huma s-segwenti:

(i) Bicca raba' maghrufa bhala "Tal-Munxar" fil-limiti tal-Munxar, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka 183 m.k. u tmiss mit-Tramuntana ma' Triq San Pawl, Lvant ma' beni ta' Joseph Buttigieg u Nofsinhar ma' beni ta' Pawlu Debrincat u kif ahjar murija fil-pjanta mmarkata Dok A annessa mal-kuntratt ta' trasferiment causa mortis ta' Giuseppa Mizzi fl-atti tan-Nutar Mariosa Grech tad-29 ta' Novembru 1996. Din giet stmata mill-Perit Tekniku li ghandha valur ta' **€163,000** billi hija art fabbrikabbli.

(ii) Bicca raba' maghrufa bhala 'Ta' Fejn taz-Zambla" sive "Tal-Ktajjen" sive "It-Taksis" fil-limiti tal-Munxar, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka 883 m.k. u tmiss mill-Lvant u mit-Tramuntana ma' passagg u minn nofsinhar in parti ma' Francesco Agius u in parti ma' Lorenzo Attard, soggetta ghar-rata ta' 20c fis-sena u kif ahjar murija permezz tal-pjanta Dok B annessa mad-dikjarazzjoni causa mortis surriferita. Din giet stmata mill-Perit Tekniku ghall-valur ta' **€1,830**.

(iii) Bicca raba' maghrufa bhala "Is-Sanap" fil-kontrada tax-Xlendi fil-limiti tal-Munxar, Ghawdex tal-kejl cirka 747 m.k. u tmiss mill-irjihat kollha ma' beni ta' Maria Buttigieg u kif murija ahjar fil-pjanta Dok C annessa mad-dikjarazzjoni causa mortis surriferita. Din giet stmata mill-Perit Tekniku ghall-valur ta' **€1,548**.

(iv) Bicca raba' maghrufa bhala "Ta' Latniga" fil-limiti tal-Munxar Ghawdex tal-kejl 180 m.k. u li tmiss mill-Punent ma' beni ta'

Giuseppe Spiteri, Tramuntana ma' beni ta' Antonio Tabone u Nofsinhar ma' beni ta' Francesco Scicluna, kif murija fuq il-pjanta Dok D annessa mad-dikjarazzjoni causa mortis surriferita. Din giet stmata mill-Perit Tekniku ghall-valur ta' **€186**.

(v) Bicca raba' maghrufa bhala "Tal-Ktajjen" sive "Tal-Hofra" fil-limiti tal-Munxar Ghawdex tal-kejl ta' cirka 1000m.k. u tmiss mil-Lvant u Tramuntana ma' passagg u minn Nofsinhar in parti ma' beni ta' Francesco Agius u in parti ma' beni ta' Lorenzo Agius u in parti ma' beni ta' Lorenzo Attard kif murija fil-pjanta Dok E annessa mad-dikjarazzjoni causa mortis surriferita. Din giet stmata mill-Perit Tekniku ghall-valur ta' **€3,500.**

(vi) Kwart (1/4) indiviz minn bicca raba' maghrufa bhala "Ta' Grunju" sive "Tat-Trent" fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex, l-intier tal-kejl circa 938 m.k. u tmiss minn Nofsinhar ma' Triq l-Isqof D. C. Palmieri, mil-Lvant ma' beni ta' l-eredi Salvu Mizzi u mill-Punent ma' beni ta' Dr Sammy Galea kif murija fil-pjanta Dok F annessa mad-dikjarazzjoni causa mortis surriferita. Din ma gietx stmata mill-Perit Tekniku.

(vii) Nofs (1/2) indiviz minn bicca raba' maghrufa bhala "Is-Sieqja" fil-limiti tal-Qala, Ghawdex tal-kejl ta' cirka 1157 m.k. u tmiss mill-Punent ma' beni tal-eredi ta' Salvu Mizzi, Nofsinhar ma' beni ta' Joseph Farrugia u Tramuntana ma' beni tal-familja Cremona kif murija fuq il-pjanta mmarkata Dok G annessa mad-dikjarazzjoni causa mortis surriferita. Din ma gietx stmata mill-Perit Tekniku.

Il-Perit Tekniku kkonkluda li l-hames bicciet raba' enumerati (i) sa (v) mhumiex kommodament divizibbli.

Il-Perit Tekniku ma tax evalwazzjoni tar-raba' l-iehor billi Dr Scerri talbu li jistma biss ir-raba' deskritti fil-paragrafi numri 1 sa 5 fil-kuntratt ta' dikjarazzjoni *causa mortis* ta' Giuseppa Mizzi pprezentat minnu stess. Dwar is-sehem indiviz mill-proprjeta' deskritta fil-paragrafi (vi) u (vii) Dr Scerri ghall-attrici ddikjara li l-attrici mhix interessata mis-sehem li ghandha jew li jista' jkollha minn din il-proprjeta'. Ghalhekk dawn iz-zewg bicciet raba' se jibqghu ndivizi bejn il-kontendenti l-ohra kollha.

Illi oltre′ l-proprjeta′ immobbli fuq imsemmija, il-konvenuti pprezentaw nota Dok AM fis-seduta tal-24 ta′ Frar 2012 quddiem il-Perit Tekniku li biha ddikjaraw li l-proprjeta′ oggett ta′ din il-kawza huma dawk diga′ elenkati fid-dikjarazzjoni causa mortis ta′ l-omm, kif ukoll iz-zewg kuntratti esebiti wiehed tal-11 ta′ April 1931 u l-iehor tal-24 ta′ Settembru 1951 li minnhom skont l-istess konvenuti jirrizulta li Giuseppa Mizzi matul iz-zwieg taghha ma′ Francesco Mizzi xtrat zewg porzjonijiet raba′ wiehed Ta′ Wied Biljun u l-ohra Ta′ Klin u ghalhekk nofs indiviz taghhom jappartjeni lilha.

Illi hekk kif irrileva tajjeb il-Perit Tekniku fir-rapport tieghu, meta sar il-kuntratt fil-11 ta′ April 1931 il-genituri tal-kontendenti ma kienux ghadhom mizzewga u ghalhekk il-proprjeta′ msemmija f′dan il-kuntratt Ta′ Wied Biljun fil-Qala, Ghawdex jappartjeni lill-eredita′ ta′ missier il-kontendenti u ghalhekk mhux mertu ta′ din il-kawza. Rigward ir-raba′ Ta′ Klin imsemmi fil-kuntratt tan-Nutar Giuseppe Gatt tal-24 ta′ Settembru 1951 Dr Scerri ddikjara li l-attrici mhix interessata mis-sehem li ghandha jew li jista′ jkollha minn din il-proprjeta′. Ghalhekk din ir-raba′ numru (viii) se tibqa′ indiviza bejn il-kondividenti l-ohra.

Illi l-konvenuti pprezentaw nota li permezz taghha ddikjaraw li hassew ruhhom aggravati bir-rapport tal-Perit Tekniku. Madankollu fis-seduta tas-17 ta′ Jannar 2014 id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jirrimettu ruhhom ghar-rapport tal-Perit Tekniku. Din il-Qorti in vista tan-natura teknika tar-rapport ma tqisx li ghandha tiddiskosta ruhha mill-konkluzjonijiet raggunti mill-istess Perit Tekniku.

Illi oltre′ dawn il-proprjetajiet ma jirrizultax li kien hemm xi assi ohra appartenenti lill-eredita′ ta′ Giuseppa Mizzi.

Illi fl-ahharnett Margerita Mizzi eccepiet li kienu dovuti lilha servigi ghal kura u assistenza reza lil ommha. Biss pero′ ebda provi ma ngibu f′dan ir-rigward u ghaldaqstant tali talba hija michuda.

Illi l-attrici permezz ta′ nota datata 3 ta′ April 2014 irtirat ir-raba′, is-sitta u s-seba′ talbiet taghha.

Billi l-Perit Tekniku ddikjara li dawn il-proprjetajiet m'humiex kommodament divizibbli din il-Qorti se tordna l-bejgh taghhom b'licitazzjoni u r-rikavat se jinqasam bejn il-kontendenti kollha inkwantu ghal settima parti kull wiehed.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi din il-kawza, billi filwaqt li tichad dik il-parti tal-eccezzjoni tal-konvenuti fejn Margerita Mizzi talbet servigi, tiddisponi mit-talbiet attrici bil-mod kif gej:

(i) Tillikwida l-beni gja formanti l-assi ereditarji tal-mejta Giuseppa Mizzi billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk il-beni u assi li huma elenkati minn (i) sa (viii) taht is-subtitolu 'Assi formanti l-wirt ta' Giuseppa Mizzi';

(ii) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba in vista li gie nominat Perit fil-mori tal-kawza;

(iii) Tiddikjara li kull kontendent jispetta lilu settima parti mill-assi ta' Giuseppa Mizzi.

(iv) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba', sitt u seba' talbiet attrici.

(v) Billi l-assi mhumiex komodament divizibbli, tordna l-bejgh tal-proprjeta' immobbli enumerata (i) sa (v)[2] taht is-subtitolu 'Assi formanti l-wirt ta' Giuseppa Mizzi' bl-intervent tal-obblaturi estranei sabiex ir-rikavat minn dawn l-assi jigi diviz bejn il-kontendenti skont il-kwoti spettanti lilhom ossija settima parti (1/7) kull wiehed. Il-bqija tal-assi se jibqghu ndivizi bejn il-konvenuti billi l-attrici ddikjarat li m'ghandhix interess fihom.

[2] Bicca raba' maghrufa bhala "Tal-Munxar" fil-limiti tal-Munxar, Ghawdex, tal-kejl ta' circa 183 m.k.; Bicca raba' maghrufa bhala 'Ta' Fejn taz-Zambla" sive "Tal- Ktajjen" sive "It-Taksis" fil-limiti tal-Munxar, Ghawdex, tal-kejl ta' circa 883 m.k; Bicca raba' maghrufa bhala "Is-Sanap" fil-kontrada tax-Xlendi fil-limiti tal-Munxar, Ghawdex tal-kejl circa 747 m.k; Bicca raba' maghrufa bhala "Ta' Latniga" fil-limiti tal-Munxar Ghawdex tal-kejl 180 m.k.; Bicca raba' maghrufa bhala "Tal-Ktajjen" sive "Tal-Hofra" fil-limiti tal-Munxar Ghawdex tal-kejl ta' circa 1000m.k.

Bl-ispejjez inkluz dawk relatati mal-licitazzjoni ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-kontendenti skont il-kwoti spettanti lilhom, hlief ghas-sitta u s-seba′ talbiet attrici li ghandhom ikunu a karigu ta′ l-istess attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------